**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**
**SEDE KOSTITUZZJONALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 27 ta' Gunju, 2024**

**Kawża Numru: 1**

**Rikors Guramentat Numru:- 125/2020 JVC**

**Gozo Caterers Limited**
**Dottor Emanuel George Cefai**
**E.G.C Limited**

**vs**

**Avukat tal-Istat u permezz tad-digriet datat 31 ta' Lulju 2020 Bank of Valletta plc giet kjamata fil-kawza**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors kostituzzjonali illi permezz tieghu r-rikorrenti Gozo Caterers Limited (C-4338), Dottor Emanuel George Cefai (k.i. 19155G) u E.G.C. Limited (C-7168) premettew u talbu kif isegwi:

1) **'FATTI TAL KAZ :**

Illi permezz ta' kuntratti ta' Self fl-atti tan Nutar Dottor Henri J Vassallo tal-ewwel ta' Lulju 2004 il-Bank of Valletta plc ta facilita ta' self lil Gozo Caterers Limited, b'Dottor Emmanuel George Cefai u b'E.G.C. Limited bhala garanti.

Illi permezz tal-flus li bdew jigu avvanzati, Gozo Caterers Limited bdiet xogholijiet ta' irrangar ta' binja kummercjali f'Victoria Ghawdex. Pero' hin bla waqt il-Bank waqaf il-facilita' tas-self, b'mod ghalhekk illi l-progett li kien gia' beda ma setax jitkompla; b'hekk il-progett ma tlestix u r-renti li kienu prospettati li jidhlu u jaghmlu tajjeb ghall-hlas lura tal-flus mislufa baqghu ma dahlux.

Illi ghalhekk il-kumpanija Gozo Caterers Limited ingiebet f'posizzjoni li ma tiggenerax flus u ma setghetx thallas lura l-ammonti li kienu lahqu ingibdu bil-facilita' tas-self.

Illi aghar minn hekk il-Bank ghadda biex beda proceduri permezz ta' Rikors Guramentat kontra Gozo Caterers Limited ghal biex jiehu lura l-flus mislufa, spejjez u l-imaghaxijiet.

Illi wara li l-Bank attur ressaq l-evidenza kollha favur il-kaz tieghu, l-esponenti bdew iressqu x-xhieda u l-evidenza taghhom sa ma waslu f'punt li ma giex permess lilhom li jkomplu jressqu x-xhieda u l-evidenza li xtaqu, inkluz dwar il-bad debts tal-Bank, u l-Prim

Awla tal-Qorti Civili ghaddiet biex tat is-sentenza relattiva kontra l-esponenti.

**FL-APPELL**

Illi ghalhekk l-esponenti ressqu appell relattiv mis-sentenza tal-Prim Istanza, u bhala l-ewwel aggravju huma lmentaw mill-fatt li ma thallewx iressqu l-provi kollha li xtaqu iressqu.

Illi wara li gie appuntat l-appell, fit-22 ta' Jannar 2020 l-esponenti ressqu rikors fejn talbu li l-ewwel jigi trattat u deciz l-imsemmi aggravju, sabiex jekk jintlaqa' u jigi ordnat li jitressqu x-xhieda u l-evidenza li xtaqu jressqu u li ma tressqux fil-prim' istanza, l-aggravji l-ohra jigu trattati u decizi WARA li jitressqu dawn ix-xhieda u evidenza.

Illi fil-waqt li r-Risposta tal-Bank ghal tali rikors ma gietx notifikata tal-esponenti, l-Onorabbli Qorti tal-Appell ghaddiet biex iddecidiet (permezz ta' digriet kamerali tat-13 ta' Frar 2020) li tichad it-talba.

**NUQQAS TA' SMIGH XIERAQ**

Illi in kwantu tali decizjoni tfisser li dik il-Qorti riedet li jigu trattati aggravvji liema aggravji sa certu punt jiddependu fuq jekk jitressaqx fl-appell l-evidenza li xtaqu r-rikorrenti u li kellha titressaq fil-Prim istanza u ma tressqitx, ir-rikorrenti jhossu u hassew li dan jikkostitwixxi **nuqqas ta' smigh xieraq** ghall-darba, darbtejn (<u>sew mill-Ewwel Qorti tal-Prim'Istanza kif ukoll sussegwentement mill-Qorti tal-Appell).</u>

Illi in oltre din id-decizjoni tindika li l-Qorti tal-Appell mhix disposta tisma dik l-evidenza li ma tressqitx fil-Prim iStanza u ghaldaqstant u ghalhekk qed jingiebu dawn il-proceduri kostituzzjonali minhabba nuqqas ta' smigh xieraq, a bazi ta' nuqqas ta' parity of arms, u ghalhekk bi ksur tal-Artikolu 39 tal Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. Il-Bank attur ressaq provi u xhieda kemm deherlu hu bla tfixkil ta' xejn da parti tal-esponenti, pero' mhux l-istess jista' jinghad meta l-esponenti kienu fil-fazi li jressqu x-xhieda u l-provi taghhom,.

**RIKORS GHAL SOPRASESSJONI**

Illi xi zmien ilu l-esponenti gew a konoxxenza tad-digriet tat-13 ta' Frar 2020 li bih giet michuda t-talba taghhom li l-ewwel aggravju jigi trattat u deciz b'mod preliminari. Fuq dan, l-esponenti intavolaw ittra ufficjali kontra l-Avukat tal-Istat b'avviz ta' dawn il-proceduri kostituzzjonali u kontestwalment intavolaw rikors sabiex l-appell jissoprasjedi sa ma jigi trattat dan il-kaz kostituzjonali. Fl-udjenza tal-15 ta' Gunju 2020, il-Qorti tal-Appell halliet l-appell ghad-9 ta' Lulju 2020 ghal biex tiddeciedi fuq is-soprasessjoni, l-esponenti ma stennewx li kienu ser jintalbu jittrattaw l-appell kollu u ma kinux preparati ghal dan.

Mill-gdid l-esponenti jhossu li d-dritt taghhom ghal smiegh xieraq taghhom gie kompromess.

Ghall-udjenza tal-15 ta' Gunju l-esponenti kienu ppreparati li jittrattaw ir-rikors ghal soprasessjoni, izda l-Qorti tal-Appell ma kinitx disposta tisma trattazzjoni hekk, imma riedet li l-partijiet

jitrattaw l-appell kollu. L-esponenti ma kienux f'pozizzjoni jaghmlu dan peress illi huma kienu ippreparati ghal trattazzjoni dwar ir-rikors li kien sar biex issir Soprasessjoni.

**RISERVA DWAR ZVILUPPI F'DAN l-APPELL**

Peress illi l-kwistjoni vitali dwar is-Soprasessjoni ghad trid tigi deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, jekk ikun il-kaz li s-Soprassjoni tintlaqa' minn dik il-Qorti tal-Appell, dan l-ilment dwar Soprasessjoni – u cioe' limitatament biss w esklussivament ghall kwistjoni dwar Smigh Xieraq u simili – jigi rtirat, mentri f'kaz li ma tintlaqax is-Soprasessjoni, din l-Onorabbli Qorti hija indikata tissindika tali decizjoni u tipprovdi dwar il-kwistjoni ta' smiegh xieraq anke f'dan ir-rigward.

Bis-sitwazzjoni incerta ta' decizjonijiet li jridu jinghataw fid-9 ta' Lulju 2020, ir-rikorrenti qieghdin jirriservaw illi jaggustaw l-prezenti rikors skond ir-rizultanzi ta' dawk il-proceduri. .

IL-KAWTELA U SMIEGH XIERAQ

Illi apparti w addizzjonalment mal-kwistjonijiet konnessi mal-proceduri fl-appell imsemmija, l-esponenti jixtiequ jressqu ilment ulterjuri ta' anti-kostituzzjonalita' tal-Artikolu 209 u 249 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Illi sa mill-bidu ta' kull kawza li fiha jkun involut bank kummercjali, ghandu jigi specifikat illi r-rikorrenti, bhall kull individwu iehor li jkollu kawza ma' xi bank kummercjali, ma kellhomx smigh xieraq ghaliex kienu migjubin fi zvantagg tal-kontro-parti, u dan ghaliex il-Banek qeghdin f'qaghda vvantagjata

hdejn individwi ohra ghaliex huma ezentati mill-hlas tal-kawtela f'kaz ta' appell. Illi f'dan m'hemmx parity of arms peress. Ghalhekk ir-rikorrenti jikkontendu illi din id-disugwaljanza iggib lilhom u lil kull min ikollu kawza kontra bank fi zvantagg.

Ghalhekk ir-rikorrenti jhossu illi dawn d-disposizzjonijiet tal-ligi fil-Kodici ta' Proceduri Civili huma anti-kostituzzjonali u ghandhom jkunu dikjarati hekk.

**TALBIET**

Illi ghalhekk permezz ta' dan ir rikors kostituzzjonali r-rikorrenti filwaqt li jaghmlu referenza ghall kull prova, azzjoni, evidenza u talba migjuba fil mori ta' dan ir-rikors kostituzzjonali jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1)tiddikjara li appell fejn tqajjem aggravju li xi parti ma thallietx tressaq ix-xhieda w evidenza kollha li xtaqet tressaq fil-Prim'Istanza, dan l-aggravju ghandu jigi trattat u deciz qabel l-aggravji fuq il-mertu;

2) tippermetti lill-rikorrenti illi jgibu l-provi, xhieda, u evidenza li xtaqu u li ma nstemghux fil-Prim Istanza tal-proceduri Rikors Guramentat numru 507/12; u

3) taghti kull provvediment opportun biex l-ezitu tal-proceduri tar-Rikors Guramentat 507/12 ikunu konformi mal-principji dwar id-dritt ghal smiegh xieraq;

4) tiddikjara li dawk il-provvedimenti fil-Kodici ta' organizzazzjoni u Procedura Civili li jaghtu lil banek kummercjali l-vantagg li ma jhallsux kawtela fl-appell mentri timponi l-obbligu

fuq individwi ohra ghall hlas- ta' kawtela huwa anti-kostituzzjonali u bi ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq; u

5) taghti kull direttiva ohra in rigward *fuq talbiet tar-rikorrenti* sabiex jkunu tutelati d-drittijiet kollha taghhom.

Bl-ispejjez.'

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat li taqra kif isegwi :

1. 'Illi qabel xejn billi r-rikorrenti qeghdin f'din il-kawza jitolbu fost hwejjeg ohra li din l-Onorabbli Qorti tintervjeni u taghti xi decizjonijiet li jistghu jolqtu l-proceduri civili bin-numru 507/2012, fejn kien hemm involut ukoll il-Bank of Valletta p.l.c. allura jinhass xieraq ghall-ghanijiet ta' integrita' ta' gudizzju li l-bank ikun parti huwa wkoll f'din il-kawza. Tassew mill-perspettiva tal-**artikolu 237 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** huwa fl-interess tar-rikorrenti stess li jdahhlu lill-Bank of Valletta p.l.c f'din il-kawza; jekk huma jridu li s-sentenza f'din il-kawza tigi torbot u tghodd ghall-bank ukoll;

2. Illi dwar l-ewwel talba tar-rikorrenti huwa car li din illum hija superfluwa ladarba l-Qorti tal-Appell tat is-sentenza finali taghha fid-9 ta' Lulju 2020(ara **Dok.AS1**);

3. Illi anke kieku stess, ir-rikorrenti ma jistghux jippretendu illi jiddeciedu huma kif il-Qorti tal-Appell kellha taqsam u tiddeciedi l-appell. Tabilhaqq imiss biss lill-Qorti tal-Appell li tiddeciedi jekk ghandhiex taghti sentenza wahda li taqta' l-aggravji kollha f'daqqa jew inkella ghandhiex taqta' l-aggravji b'sentenzi separati. Ir-rikorrenti ma setghux

igieghlu lill-Qorti tal-Appell illi din bilfors taqsam il-kawza kif riedu huma u zgur u mhux forsi r-rikorrenti ma jistghux jghidu li huma gew ippregudikati ghaliex il-Qorti tal-Appell iddecidiet8 li taghti sentenza wahda li taqta' l-aggravji kollha. L-ewwel talba tar-rikorrenti ghalhekk mhijiex misthoqqha;

4. Illi t-tieni talba tar-rikorrenti li huma garrbu ksur tal-jedd ta' smigh xieraq fil-proceduri civili 507/2012 ghaliex huma ma thallewx iressqu l-provi li xtaqu, hija wkoll hazina. Ibda biex, **l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** u l- **artikolu 39 tal-Kostituzzjoni** ma jaghtux jedd lill-parti li tressaq provi li huma irrilevanti u barranija ghall-mertu tat-tilwim gudizzjarja. B'rabta ma' dan tajjeb li wiehed izomm f'mohhu wkoll id-dispozizzjonijiet tal-jeddijiet, fundamentali tal-bniedem ma jirregolawx l-ammissibilta' tal-provi nfushom, jew kif dawn il-provi ghandhom jingabru jew jigu prezentati.

5. Illi sewwasew fil-kaz taghna l-provi li riedu jigu mressqa mir-rikorrenti fil-kawza 507/2012 gew mizmuma mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili u mill-Qorti tal-Appell, mhux b'kapricc jew minghajr raguni tajba. Tassew kif tajjeb gie mfisser mill-Qorti tal-Appell f'paragrafi 4 sa 12 tas-sentenza taghha **f'Dok.AS1**, dawn il-provi ma thallewx jitressqu ghaliex kienu ghalkollox irrilevanti fil-kuntest tal-proceduri li kienu pendenti quddiemha. Il-kawza civili 507/2012 kienet dwar il-fatt li Gozo Caterers Limited bhala l-midjuna ewlenija u Dr. Emanuel Cefai u E.G.C Limited bhala l-garanti taghha gew mitluba li jroddu lura l-flejjes li l-Bank of Valletta plc kien ghadda bhala self. Il-prova ta' kif mexa l-Bank of Valletta plc ma' debituri ohrajn kienet irrilevanti ghall-ghanijiet ta' din il-kawza ghaliex dak li kien iholl u

jorbot kien x'gara bejn il-partijiet fil-kawza u mhux x'sehh ma' nies ohra li ma kinux parti fil-kawza. Ghamlu sew ghalhekk, kemm il-Prim'Awla tal-Qorti Civili kif ukoll il-Qorti ta' l-Appell, li ma hallewx lir-rikorrenti jressqu provi li ma kellhomx rilevanza mal-mertu tal-kawza. Din it-tieni talba ghalhekk ukoll ma jmessiex tintlaqa'.

6. Illi t-tielet talba tar-rikorrenti wkoll tixraq li tigi michuda ghaliex ma hemm l-ebda htiega ghaliex din l-Onorabbli Qorti ghandha taghti xi provvediment fil-proceduri 507/2012, galadarba dik il-kawza tmexxiet u nqatghet mill-qrati ordinarji b'harsien shih tal-principji li jsawwbu l-jedd tas-smigh xieraq;

7. Illi dwar ir-raba' talba, jissokta jinghad li r-rikorrenti m'ghandhomx interess guridiku biex jattakkaw l-artikoli **209** u **249 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta**. Dan ghaliex ma jirrizultax li l-Bank of Valletta plc inqeda b'dawn l-artikoli biex iressaq appell fil-proceduri 507/2012. Ladarba l-Bank of Valletta plc ma ressaq l-ebda appell fil-proceduri 507/2012, ir-rikorrenti ma jistghux iqisu ruhhom bhala vittmi ta' dawn iz-zewg artikoli. Hekk ukoll lanqas ma jistghu jghidu li huma gew milquta hazin b'dawn l-artikoli, ladarba dawn iz-zewg artikoli ma gewx imhaddma;

8. Illi li hemm minn dan, anke kieku stess dawn iz-zewg artikoli gew imhaddna, ma jirrizultax li dawn iz-zewg artikoli b'xi mod kien ha jizvantaggjaw lir-rikorrenti fit-tressiq tal-appell taghhom. Qabel xejn ma hemm xejn hazin jew irragonevoli li l-bank ghandu licenzja mahruga skont l-**Att dwar il-Kummerc Bankarju** jigi mehlus milli jaghmel garanzija ghall-ispejjez tal-kawza. Dan ghaliex ma hemmx

dubju li bank licenzjat ghandu l-mezzi finanzjarji li jaghmel tajjeb ghall-ispejjez tal-kawza, f'kaz li fis-sentenza finali huwa jigi kkundannat li jhallasshom, b'dana ghalhekk li l-parti l-ohra tista' sserrah rasha li bank licenzjat sejjer ihallas tal-ispejjez jekk huwa jitlef il-kawza;

9. Illi barra minn hekk, wiehed ma jridx jinsa wkoll li anke appellant li ma jkunx bank licenzjat jista' jitlob li jigi mehlus milli jhallas din il-garanzija skont l-**artikolu 904 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta**, jekk kemm il-darba dan juri li huwa ghandu mad-daqqa t'ghajn argument validu biex jappella u jahlef li huwa m'ghandux mezzi biex ihallas il-garanzija tal-ispejjez. B'dan il-mod ghalhekk il-ligi tohloq bilanc gust u xieraq bejn  il-partijiet sabiex ma ccahhadx lil dak li jkun mid-dritt tieghu illi jappella mis-sentenza u fl-istess hin ma thallix lill dak li jkun li jressaq appell li jkun car li sar biss biex itawwal iz-zmien. Jigi b'hekk , li anke din it-talba mhijiex tajba u ghandha tigi michuda;

10. Illi fl-ahharnett ghandha tigi mwarrba wkoll il-hames talba tar-rikorrenti, billi ma hemm bzonn tal-ebda direttiva ohra ladarba huma ma garrbu l-ebda ksur tal-jeddijiet fundamentali taghhom;

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dan kollu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom u peress li fil-fehma umli tal-esponent l-ilmenti mqanqla mir-rikorrenti huma ta' natura semplicement frivola u vessatorja din il-Qorti hija umilment mistiedna biex tapplika dak li hemm imnizzel fl-**artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni u fl-artikolu 4(5) tal-kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta**.'

Rat illi fil-verbal tal-31 ta' Lulju, 2020 din il-Qorti qieset li kellu jigi kjamat fil-kawza l-Bank of Valletta p.l.c. w'ghaldaqstant ordnat in-notitika tieghu b'dawn l-atti. Rat ir-risposta tal-Bank kjamat fil-kawza kif isegwi:

'1. Illi l-ewwelnett is-socjeta' esponenti tikkontesta l-fatti kif elenkati mir-rikorrenti stante illi ma jipprovdux stampa cara tal-fatti kif graw bejn il-partijiet involuti matul is-snin li ghaddew. Hawnhekk l-esponenti tibda billi biss issemmi illi l-esponenti bdiet proceduri legali kontra r-rikorrent ghal-bilanc ghad-debitu minnhom dovut snin wara li huma kienu inadempjenti fil-pagamenti minnhom dovuti u llum il-gurnata, sussegwentement ghal appell frivolu u vessatorju imressaq mir-rikorrenti (507/2012/), l-esponenti ghadha kredittrici tal-istess rikorrenti;

2. Illi subordinatament u minghajr ebda' pregudizzju, l-esponenti tissottometti illi l-ewwel talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda stante illi r-rikorrenti kellhom bizzejjed zmien sabiex iressqu l-provi taghhom tant li l-partijiet fl-azzjoni li qed isir l-ilment dwarha (507/2012MCH) is-socjeta' esponenti u r-rikorrenti kellhom l-istess ammont ta' seduti a dispozizzjoni taghhom biex iressqu il-provi taghhom;

3. Illi subordinament u minghajr ebda' pregudizzju, b'refernza ghall-ewwel u ghat-tieni talba tar-rikorrenti, l-esponenti tissottometti wkoll illi kull prova illi tingieb trid tkun relevanti ghall-vertenza li fiha qed tintalab illi titressaq. Illi kif jista' jigi innutat minn semplici analizi tal-process 507/2012/1, ix-xhieda li bdew jitolbu li jressqu ir-rikorrenti kienu assolutament irrelvanti ghal mertu ta' dik il-kawza u

pjuttost kienu tattika min-naha tar-rikorrenti sabiex ikomplu jtawlu z-zmien u l-kawza 507/2012MCH tigi stagnata bi provi irrelevanti;

4. Illi subordinament u minghajr ebda′ pregudizzju, l-esponenti umilment tissottometti illi l-Qorti tal-Appell 507/2012/1, kienet dejjem cara fl-andamanet tal-Appell u kienu bis sir-rikorrenti illi prezentaw ben tliet rikorsi fi spazju ta′ ftit xhur, bl-ahhar wiehed jigi prezentat biss ftit granet qabel is-**seduta intenzjonata ghat-trattazzjoni kollha fuq il-mertu**, ghall-kuntrarju ta′ dak li jipprovaw jissottomettu r-rikorrenti;

5. Illi subordinament u minghajr ebda pregudizzju, l-esponenti umilment tissottometti illi l-Qorti tal-Appell taghzel hi kif tistrada l-appelli u li di piu′ ma kienet taghmel ebda differenza materjali lir-rikorrenti kieku gie trattat l-ewwel aggravju taghhom l-ewwel. Dan ghaliex kieku intalaqa′ l-unika rizultat kien ikun li l-azzjoni tintbaghat lura biex tinstema′ mill-Qorti ta′ Prim′Istanza. Kieku gie trattat wahdu jew flimkien mal-aggravji l-ohra ghalhekk ma kien se jzid u jnaqqas xejn lir-rikorrenti;

6. Illi subordinament u minghajr ebda pregudizzju, l-esponenti umilment tissottometti illi kull talba tar-rikorrenti li giet michuda fil-proceduri 507/2012/1, kienet ben motivata u bbazata fuq il-ligijiet u gurisprudenza nostrana u ghalhekk ir-rikorrenti ma ghandhom ebda lok li jillanjaw li huma gew michuda minn xi dritt jew trattati b′mod ingust;

7. Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, l-esponenti umilment tissottometti illi t-tielet talba ma ghadhiex relevanti peress

illi l-Appell 507/2012/1 diga ghadda ghas-sentenza fid-9 ta' Lulju, 2020 u ghalhekk illum huwa res judicata;

8. Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju fi-rigward tar-raba' talba ghar-rikorrenti l-esponenti tissottometti li l-fatt illi l-Banek licenzjati ma jhallsux kawtela meta jintavolaw appell ma johloq ebda vantagg lil Banek jew zvantagg lill-partijiet l-ohra fil-kawza li jridu jappellaw. Dan ghaliex il-banek licenzjati minnhom infushom huma istituzzjonijiet li jaghtu garanzija u ghalhekk il-Qrati ghandhom garanzija li ser jithallsu ghall-appell li jipprezenta bank jekk l-ispejjez jigu allokati lilu. Dan certament a differenza ta' persuni ohra illi ma jistghux minnhom infushom jaghtu xi garanzija u ghalhekk iridu jikkawtelaw certu appelli;

9. Illi subordinament u minghajr ebda pregudizzju, dato ma non concesso illi r-ragunijiet tar-rikorrenti huwa b'xi mod ragonevoli, hija l-umili sottomissjoni tal-esponenti li r-raba' talba tar-rikorrenti xorta wahda mghandhiex tirnexx u dan ghaliex ir-rikorrenti ma ghandhomx l-interess guridiku necessarju biex iressqu tali aggravju u dan partikolarment izda mhux esklussivament illi kienu biss ir-rikorrenti li ntavolaw appell u ghalhekk ma' jista' jinholoq ebda' paragun bejn ir-rikorrenti u l-esponenti. Tali aggravvju huwa fl-umili sottomissjoni tal-esponenti totalment irrelevanti fir-rigward tal-vertenza 507/2021/1. Di piu' il-kawzi ma jinqatghux fuq l-ipotetiku izda fuq il- fatti;

10. Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, l-esponenti tissottometti illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu kollha michuda stante illi huma ma jistghux jressqu azzjoni kostituzzjonali sabiex jilmentaw dwar sitwazzjoni mahluqa min-nuqqas taghhom stess.

Jekk kien hemm xi prova **relevanti** din kellha titressaq quddiem il-Qorti ta' Prim Istanza fil-kawza 507/2012 MCH mir-rikorrenti u mhux jippretendu illi l-Qrati jissaportu kwalunkwe investigazzjoni fiergha illi jridu jaghmlu r-rikorrenti. L-ordinament tal-provi jippermetti illi jigu prezentati provi relevanti u mhux li ssir investigazzjoni biex forsi tigi estrapolata xi prova li jkun jista' jipprova juza l-konvenut. Dak li qed jittentaw ir-rikorrenti fl-umli sottomissjoni tal-esponenti, hija biss abbuz tal-ligi tal-procedura, biex jkomplu jtawlu z-zmien biex jottemperaw ruhhom ma' l-obbligi taghhom u minnflok jcahhdu lill-esponenti mid-drittijiet taghha u jikkawzawlha danni giornaljeri;

11. L-esponenti ilha tistenna l-hlas ta dan id-debitu **Sa mis-sena 2006** (vide xhieda ta' Simon Zammit) u ir-rikorrenti b'manigga jew ohra, **irnexxilhom** sal-lum jottjenu mil-anqas ERBATAX-IL SENA dilazzjoni ta' pagament.

Illi huwa ta' dispjacir li ma jizistix mekkanizmu awtomatiku fejn pretensjonijiet hekk frivoli u vessatorji mhux biss jigu michuda imma addirittura ikunu jaghtu lok ghal proceduri kriminali ta' frodi fuq id-drittijiet ta terzi peress li jahlu lill- Onorabbli Qrati hin prezzjuz u cioe flus tal-Erarju Pubbliku biex jigi amministrat tali smigh ta' procedura frivola , li allura tkun Qorti tkun tista tibghat l-atti quddiem il- Qorti kompetenti opportuna sabiex min qed jinqeda bi proceduri flagrantement bla bazi u jahli l-hin tal-Qorti jiffaccja ukoll is-sanzjonijiet debiti quddiem il-Qrati Kriminali.

Ghaldaqstant ghar-ragunijeit suesposti, is-socjeta' esponenti titlob umilment illi Din l-Onorabbli Qorti Joghgobha Tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti, bl-ispejjez ikunu a karigu tar-rikorrenti.'

Rat illi din il-Qorti ordnat li jigu annessi l-atti tar-rikors guramentat 597/2020 u rat li dawn gew finalment decizi mill-Onorabbli Qorti tal-Appell nhar id-9 ta' Lulju, 2020;

Rat illi fil-verbal datat 5 ta' Ottubru, 2023 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz tar-rikors kostituzzjonali odjern is-socjetajiet rikorrenti jsostnu li gie lez id-dritt fundamentali ghal smiegh xieraq meta jallegaw li kemm l-ewwel Qorti kif ukoll il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Bank of Valletta p.l.c. vs. Gozo Gaterers Ltd. et (507/12 MCH)**, allegatament b'mod ingust, ma hallewhomx iressqu l-provi taghhom. In oltre, jostnu li l-fatt li l-Kodici ta' Organizzazzjoni u Prrcedura Civili, Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta fl-artikolu 209 u 249 jezenta l-banek mill-hlas ta' kawtela, filwaqt li ma jezentax ic-cittadin individwali, huwa wkoll leziv tad-dritt ta' smiegh xieraq taghhom. Talbu ghalhekk li din il-Qorti, wara li tiddikjara l-lezjoni tad-dritt fundamentali taghhom, taghti provvediment sabiex f'dawk l-atti huma jithallew iressqu l-provi li qed isostnu li ghadhom ma ressqux u taghti dawk il-provvediment ohra xierqa u opportuni fic-cirkustanzi u li wkoll l-artikolu dwar il-hlas tal-kawtela fil-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jigi dikjarat leziv.

Illi l-intimat Avukat tal-Istat ressaq bosta eccezzjonijiet kif suespost, fejn in succint jinsisti li r-rikorrenti kellhom kull opportunita' li jressqu l-provi fl-atti tal-kawza in kwistjoni izda ma jistghux jipretendu li l-Qrati jhalluhom itellghu provi li huma rrilevanti ghall-kaz in kwistjoni. Dwar il-kawtela jsostni li r-rikorrent' ma ghandhomx interess guridiku stante li l-bank fil-kaz odjern ma ressaq l-ebda appell. Jinsistu wkoll li uhud mit-talbiet llum huma sorvolati stante li effettivament il-Qorti tal-Appell lahqet tat id-decizjoni taghha. Finalment jemfasizza li dawn il-proceduri huma, bhal dawk ta' qabilhom, frivoli u vessatorji.

Illi l-Bank kjamat fil-kawza wkoll jeccepixxi fit-tul kif suespost fejn in succint ukoll jemfasizza li l-proceduri odjerni huma ntizi biss sabiex itawlu l-proceduri bejnhu u s-socjetajiet rikorrenti b'dana li l-Bank ilu sa mis-sena 2006 jipprova jirkupra l-ammonti dovuti lilu mis-socjetajiet rikorrenti.

Illi din il-Qorti rat id-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza 507/2012 li tqis li ghandha tigi riportata hawn kif isegwi sabiex ikun aktar car il-fatti tal-dak u dak li r-rikorrenti qed jilmentaw minnu:

*1. Dan huwa appell tal-konvenuti minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Frar 2015 illi, wara li ddikjarat illi l-konvenuti tilfu l-benfiċċju tat-terminu, ikkundannathom iroddu lill-bank attur flejjes mislufa f'diversi okkażjonijiet lill-konvenuta Gozo Caterers Ltd bil-garanzija in solidum tal-konvenuti l-oħra.*

*2. Il-konventi kienu ressqu eċċezzjonijiet ta' intempestività tal-azzjoni u ta' tpaċija, u ikkontestaw ukoll il-quantum tad-dejn u tal-imgħaxijiet relativi. L-ewwel qorti ċaħdet dawn l-eċċezzjonijiet u laqgħet it-talbiet tal-bank attur għal raġunijiet li fissrithom hekk:*

*»Din hi kawża għal ħlas lura ta' somom dovuti minn Gozo Caterers Limited fuq tliet loan accounts skond kuntratti ta' faċilitajiet bankarji datati 1 ta' Lulju 2004. Il-konvenuti Dr Emanuel Cefai u E.G.C. Limited huma garanti in solidum permess tal-istess kuntratti tal-1 ta' Lulju 2004 u skritturi tal-15 ta' Ottubru 2004. »Il-bank attur jikkontendi illi d-debitur naqas li jonora l-ħlasijiet dovuti nonostante diversi estensjonijiet u promessi ta' ħlas … … … Ix-xhud tal-bank Rose Cortis xehdet illi sallum ma saru ebda ħlasijiet millbilanċi dovuti. Dan l-istat ta' fatt cioè n-nuqqas tad-debitur li jħallas skond il-kuntratti u anki a bażi tal-estensjonijiet mingħajr pregudizzju li saru mill-bank intitolaw lil bank li jġib fis-seħħ l-għeluq tal-faċilitajiet u d-dritt li jitlob il-ħlas kollu dovut bl-imhaxijiet ai termini tal-klawsola (a) tal-kuntratt ta' self tal-1 ta' Lulju 2004.*

*»Il-bank attur ipprezenta d-dokumentazzjoni kollha rilevanti għaddebitu u għal call in inkluż l-ittri legali u uffiċjali bl-intimazzjoni għal ħlas dovut.*

*»Il-konvenuti għamlu diversi eċċezzjonijiet kontra din it-talba. Fl-ewwel lok igħidu li t-talbiet huma intempestivi. Il-konvenuti naqsu li juru fiex tikkonsisti l-intempestività meta l-inkwiet fuq il-ħlasijiet beda fl-2006, littri uffiċjali saru f'Diċembru 2010 u l-kawża saret fl-2012.*

*»Għalhekk din l-eċċezzjoni qed tiġi respinta.*

*»Il-konvenuti jeċċepixxu wkoll illi s-somma pretiża hi esaġerata u għandu jkun hemm verifika minn esperti nominati. Din l-eċċezzjoni ma tagħmilx sens peress illi l-attur irid jipprova t-talbiet tiegħu bil-mezzi li 'ttih il-ligi u darba li dan isir kif fil-fatt għamel il-bank bid-dokumenti dettaljati esebiti u x-xiehda mogħtija mix-xhud Simon Zammit, sta għall-konvenuti li jirribattu l-ammonti pretiżi bi provi miġjuba minnhom. Is-skiet tal-konvenuti fuq l-ammonti mitluba hu elokwenti. Ma jistgħux il-*

*konvenuti jitfgħu l-oneru li jirribattu l-provi attriċi fuq il-qorti billi tagħmel xi investigazzjoni hi minn rajha. Tali neċessità kienet tinħoloq li kieku l-konvenuti ġabu provi esperti dwar l-ammont realment dovut u, billi l-kwistjoni kienet tkun wahda teknika, il-qorti tista' titlob innomina ta' esperti ġudizjarji għal verifika tal-pretensjonijiet ex parte.*

*»Bl-istess mod u dan jallaċċja mat-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti li lproċess ġudizzjarju jrid jistabilixxi jekk l-imgħaxijiet jew ħlasijiet oħra bil-metodoloġija użata humiex skond il-liġi. Il-bank attur u x-xhieda prodotti wrew illi l-ammonti dovuti saru bil-proċess normali ta' kontabilità u l-imgħaxijiet inħadmu skond il-liġi. Għalkemm il-konvenuti fil-kontroeżami staqsew domandi dwar rati ta' mgħax u jekk sarux xi ħlasijiet ta' penali żejda li jistgħu jekwevalu għal żieda ta' mgħax, ma saret ebda ammissjoni mill-bank li dan kien il-każ. Kien jispetta esklussivament lill-konvenuti li jippruvaw bi provi prodotti minnhom fejn saret talba għal ħlas ta' mgħax jew ammonti mhux ġustifikati fil-liġi. Minn dan kollu ma saret ebda prova fil-proċess u kwindi t-tieni u tielet eċċezzjoni ma fihomx mertu.*

*»Ir-raba' eċċezzjoni hi waħda ta' tpaċija tal-kreditu tal-bank ma' danni subiti mill-konvenuti minħabba l-intempestività u irraġonevolezza talazzjoni tal-bank. Kif ġà ingħad ma irriżulta ebda intempestività mill-bank għal ħlas tal-krediti meta tqis li għaddew circa sitt snin biex il-bank ressaq l-azzjoni odjerna wara li kien intima lil konvenuti li kienu qed jonqsu mill-obbligi kontrattwali senjatament tal-ħlas. In kwantu Bank of Valletta p.l.c. v. Gozo Caterers Ltd et għal irraġonevolezza, il-konvenuti ippruvaw iressqu argumenti millprovi mressqa illi d-debitur kien ser jasal biex iħallas wara li jlesti proġetti li għalihom allegatament ittieħed is-self. Però din il-qorti ma tqisx li dan l-argument jista' b'xi mod jintuża biex id-debitur jeħles milli jottempera ruħu mal-kondizzjonijiet tal-kuntratti ta' self li ma kinux kundizzjonati mill-fatt li d-debitur ilesti xi proġetti qabel ma jħallas iddebitu jew l-iskadenzi dovuti.*

*»Għalhekk din l-eċċezzjoni wkoll hi bla mertu.*

*»Daqstant ieħor is-sitt eċċezzjoni ma hix fondata peress illi t-twaqqif tal-loan facility jew call in tad-debitu ma sarx kif donnu qed jiġi allegat biex id-debitur jinġieb f'pożizzjoni li ma jistax jikkompleta l-proġetti li kellu. Kif ġà ingħad il-proġetti tad-debitur ma kinux kundizzjoni tal-ftehim mill-bank. Il-faċilità tal-bank kienet intiża biex id-debitur jużufruixxi minnha għall-iskopijiet li kienu jinteressaw biss lid-debitur. Linteress tal-bank kien biss li jithallas id-debitu skond il-kondizzjonijiet ta' ħlas pattwit mingħajr ebda rabta ulterjuri. Altrimenti l-argument tad-debitur li s-self kien marbut mat-tlestija tal-proġett igib fix-xejn l-iskop pattwit tas-self cioè l-għoti ta' faċilità bankarja bil-kundizzjonijiet hemm pattwiti fosthom ta' ħlas lura skond ma hu miftiehem. In-nuqqas taddebitur li jlesti l-proġetti li għalihom ħa s-self anki jekk mhux minħabba l-aġir tiegħu ma jistgħux irażżnu lill-kreditur milli jesiġi l-pagament taddebitu kif miftiehem.*

*»Għalhekk anki din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.*

*»Għalhekk il-qorti taqa' u tiddeċiedi billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u tilqa' t-talbiet attriċi kif dedotti, bl-ispejjeż kontra l-konvenuti.«*

*3. Il-konvenuti appellaw b'rikors tat-13 ta' Marzu 2015 li għalih il-bank attur wieġeb fis-27 ta' Marzu 2015.*

*4. Fl-ewwel aggravju tal-appell tagħhom il-konvenuti jgħidu illi l-ewwel qorti ma tathomx smigħ xieraq għax ma ħallithomx iressqu x-xhieda kollha li riedu jisimgħu. Dan l-aggravju huwa relativ għal episodju li seħħ fis-seduta tat-12 ta' Diċembru 2013 li ġie verbalizzat hekk:*

*»Dr Dominic Cassar [għall-bank attur] b'referenza għal taħrika li saret lil ċertu David Tabone rappreżentant tal-Bank of Valletta jiddikjara illi*

*din il-persuna ma għadhiex impjegat mal-bank. In kwantu għax-xhud ta' Deloitte Dr Dominic Cassar jopponi għal dan ix-xhud u għat-talba li saret lil dan ix-xhud1 fit-taħrika peress illi m'hemmx ir-rekwiżiti tal-liġi biex ix-xhud jiġi meħlus milli jixhed dwar kontijiet ta' terzi fir-rigward tas-sigriet professjonali tiegħu u x-xiehda mitluba hija relevanti [recte irrelevanti] għal mertu ta' din il-kawża.*

*»Dr Leslie Cuschieri [għall-konvenuti] ser jirregola ruħu in kwantu xhud tal-bank, u in kwantu għax-xhud bħala rappreżentant tal-awditur tal-bank ix-xiehda tiegħu hija relevanti għal din il-kawża, in vista tar-raba' eċċezzioni . Is-soċjetà intimata qed issostni b'mod ġenerali li l-azzjoni tal-bank mhix raġonevoli u permezz tal-imsemmi xhud l-istess soċjetà trid tipprova li l-bank attur mexa differenti ma' klijenti oħra flistess sitwazzjoni tas-soċjetà intimata.*

*»Il-qorti tilqa' t-talba tad-difensur tal-bank attur peress illi ma hemm ebda ġustifikazzjoni fil-liġi li jinstema' l-awditur tal-bank biex jixhed fuq krediti oħra tal-bank ma' terzi mhux parti mill-kawża u in ogni każ allegazzjonijiet ta' diskriminazzloni la huma l-mertu tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u lanqas huma I-qofol tal-vertenza bejn il-partijiet.*

*»Kwindi l-qorti teżenta lix-xhud rappreżentant tal-awditur tal-bank milli jixhed.«*

*5. Il-konvenuti tennew it-talba fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 2014. Lepisodju relativ ġie verbalizzat hekk:*

*»Il-konvenut Emanuel George Cefai jitlob li jiġu esebiti l-accounts tal-BoV għal dawn l-aħħar għaxar snin u dan permezz ta' taħrika għal dan l-iskop.*

*»Dr Dominic Cassar jopponi għal din il-prova peress li hi irrelevanti għall-mertu u l-qorti diġà provdiet dikriet fit-12 ta' Diċembru 2013 illi*

*provi dwar bad debts u accounts tal-bank huma inammissibbli peress li huma irrelevanti għall-mertu.*

*»Dr Anna Portelli [għall-konvenuti] in vista ta' din l-oġġezzjoni tiġi reġistrata [sic] li l-konvenuti jixtiequ jistaqsu lir-rappreżentant tal-BoV diversi domandi fuq bad debts u l-accounts ta' dawn l-aħħar għaxar snin. Ir-raġuni hija sabiex tiġi determinata jekk il-bank qattx innegozja ma' debituri oħra fuq claim simili tal-konvenuti b'metodi oħra minn dawk meħuda fil-konfront tal-konvenuti.*

*»Il-qorti tirreferi għad-dikriet tagħha fuq l-istess kwistjoni preċiża tat-12 ta' Diċembru 2013 u terġa' tikkonfermah billi tiċħad it-talba.«*

*6. Il-konvenuti jgħidu illi b'dak li seħħ fit-12 ta' Diċembru 2013 u fil-21 ta' Ottubru 2014 l-ewwel qorti ċaħħdithom mill-jedd li jinstemgħu u għalhekk is-sentenza appellata għandha titħassar.*

*7. Dak li għamlet l-ewwel qorti ma kienx ħlief applikazzjoni korretta u f'waqtha tal-artt. 558 u 560(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:*

*»558. Kull prova għandha tkun rilevanti għall-kwistjoni fil-kawża bejn ilpartijiet.*

*»560. (1) Il-qorti għandha tiċħad li tinġieb kull prova li jidhrilha li mhix rilevanti … … …*

*« 8. Il-prova li riedu jagħmlu l-konvenuti kienet illi kien hemm djun ta' terzi illi l-bank attur qieshom bad debts u ma mexxiex bil-qorti biex jitħallas kif għamel mal-konvenuti, biex hekk isaħħu l-argument illi l-bank ma mexiex mad-debituri kollha bl-istess mod.*

*9. Il-prova li riedu jagħmlu l-konvenuti hija manifestament irrelevanti. Il-fatt illi l-bank iqis li xi djun ikun għalxejn u biss ħela ta' flus li jfittex li jiġborhom ma jfissirx illi għalhekk huwa marbut illi ma jmexxi kontra ebda debitur li ma jħallasx. L-argument tal-konvenuti huwa assurd.*

*10. Barra minn hekk, għalkemm dak li ngħad fil-paragrafu ta' qabel dan hu biżżejjed biex l-aggravju jiġi miċħud, għandu jingħad ukoll illi, kif jistqarru l-konvenuti stess fit-tielet aggravju tagħhom , id-dejn tagħhom ma huwiex wieħed li qatt ma jista' jitħallas, għax hemm x'jagħmel tajjeb għalih. Li f'dawn iċ-ċirkostanzi tistenna li l-kreditur iqis id-dejn bħala bad debt u jaqta' qalbu minnu huwa assurd.*

*11. Billi għalhekk ix-xiehda li riedu l-konvenuti hija irrelevanti, il-qorti għamlet sew li ma ħallietx li titressaq; anzi, l-art. 560(1) ma jħallilhiex għażla f'ċirkostanzi bħal dawn.*

*12. L-aggravju, li huwa fieragħ, huwa għalhekk miċħud.*

*13. It-tieni aggravju jolqot iċ-ċaħda tal-eċċezzjoni ta' intempestività. Il-konvenuti jgħidu illi, flok qata' qalbu mid-dejn bħal ma għamel fil-każ ta' djun oħra, il-bank "mar jiġri jidħol f'din il-kawża".*

*14. Dan huwa aggravju ieħor manifestament fieragħ. Il-bank attur wera illi seħħew iċ-ċirkostanzi illi fihom, kif kien maħsub fil-ftehim bejn il-partijiet, il-konvenuti kellhom jitilfu l-benefiċċju tat-terminu. Għalhekk ilkawża ma kienet xejn intempestiva, u ma hemm għalfejn jingħad xejn aktar dwar dan l-aggravju.*

*15. It-tielet aggravju ġie mfisser hekk:*

*»… … … il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kellha tillibera lill-garanti millosservanza tal-ġudizzju meta din l-garanzija mhijiex neċessarja meta l-garanzija immobiljari magħmula mill-kumpannija Gozo Caterers*

*Limited tiswa iktar minn kwalsiasi pretiż debitu allegat mill-bank appellat. Dwar dan kollu l-qorti ta' prim'istanza ma qalet xejn, ma argumentat xejn u ma iddeċidiet xejn. Ikun xieraq li wieħed jara jekk din hijiex ab omissa decisione [sic] li minnha nnifisha tannulla ssentenza tal-prim'istanza hawn appellata.«*

*16. Dan l-aggravju wkoll, bħal dawk ta' qablu, huwa fieragħ. Effettivament li qegħdin iressqu l-konvenuti hija eċċezzjoni ta' eskussjoni li ma tressqitx quddiem l-ewwel qorti u kien għalhekk li dwarha l-ewwel qorti "ma qalet xejn, ma argumentat xejn u ma iddeċidiet xejn".*

*17. Barra minn hekk, il-garanti ntrabtu in solidum mad-debitur ewlieni u meta l-obbligazzjoni tkun in solidum il-benefiċċju tal-eskussjoni ma jingħatax.*

*18. Din l-eċċezzjoni wkoll hija għalhekk miċħuda.*

*19. Fir-raba' aggravju l-konvenuti jgħidu illi ma hemmx provi biżżejjed tal-quantum tad-dejn, għax ix-xiehda li ressaq il-bank attur hija biss dokumenti magħmula mill-bank stess "unilateralment u mingħajr imqar firma waħda ta' awditur".*

*20. Li ma jqisux l-atturi hu illi statement ta' kont bankarju, li juri jum b'jum x'daħal fil-kont u x'ħareġ minnu, huwa ktieb tal-kummerċ kif imfisser fl-art. 16 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, u l-art. 22(1) tal-Kodiċi igħid illi "l-kotba tal-kummerċ, obbligatorji jew le, jagħmlu prova skond il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili". Għalhekk id-dokumenti esebiti mill-bank attur jagħmlu prova sakemm ma jintweriex il-kuntrarju. Il-konvenuti ma wrewx fejn il-kontijiet esebiti mill-bank huma ħżiena jew nieqsa; kull ma għamlu hu allegazzjoni u ippretendew li ssir indaġni biex forsi tinstab xi irregolarità. Iżda dan ma huwiex il-mod kif kellhom jimxu. Kif sewwa qalet l-ewwel qorti, "ma jistgħux il-konvenuti jitfgħu l-oneru li jirribattu l-provi attriċi fuq il-qorti billi tagħmel xi*

*investigazzjoni hi minn rajha". Il-konvenuti kellhom juru fejn fil-fehma tagħhom il-kontijiet kienu ħżiena sabiex il-verifika tkun fuq kontestazzjoni speċifika u mhux indaġni ġenerali bħallikieku xogħol il-qorti hu li tagħmilha ta' awditur. Kif osservat l-ewwel qorti, "kien jispetta esklussivament lill-konvenuti li jippruvaw bi provi prodotti minnhom fejn saret talba għal ħlas ta' mgħax jew ammonti mhux ġustifikati fil-liġi. Minn dan kollu ma saret ebda prova fil-proċess … … …".*

*21. Dan l-aggravju wkoll huwa għalhekk miċħud.*

*22.Fil-ħames aggravju l-konvenuti jgħidu illi ad impossibilia nemo tenetur, u illi kien bi ħtija tal-bank stess illi l-bank ma tħallasx għax "il-bank waqqaf ħesrem loan facility [u] għalhekk il-proġett li minnu u permezz tiegħu kien pattwit li jidħlu l-flus għall-ħlas tal-bank twaqqaf; għalhekk ma setgħux jidħlu flus biex jitħallas il-bank".*

*23. Il-bank waqqaf il-faċilità ta' kreditu u talab il-ħlas lura tal-flus mislufa għax il-konvenuti ma ħarsux il-kondizzjonijiet miftiehma. Ma kien hemm ebda obbligu tal-bank li jkompli javalla l-proġett tal-konvenuti, u l-ħlas lura tas-self ma kienx marbut ma' xi eżitu favorevoli tal-proġett tal-konvenuti, jew li s-self jintradd bi flus ġejjin minn dak il-proġett.*

*24. Dak li ngħad fil-paragrafu ta' qabel dan hu biżżejjed biex l-aggravju jiġi miċħud. Barra minn hekk, iżda, ma huwiex minnu li għall-konvenuti huwa impossibbli li jroddu s-self jekk hu minnu dak li qalu fit-tielet aggravju illi "l-garanzija immobiljari magħmula mill-kumpannija Gozo Caterers Limited tiswa iktar minn kwalsiasi pretiż debitu allegat millbank".*

*25. Dan l-aggravju wkoll huwa għalhekk miċħud.*

*26. L-aħħar aggravju hu msejjes fuq l-art. 1970 et seq. tal-Kodiċi Ċivili dwar rahan. L-art. 170(1) igħid illi "l-kreditur … ma jistax jiddisponi mir-rahan fin-nuqqas ta' ħlas; iżda hu għandu jedd jitlob il-bejgħ tal-ħaġa fl-irkant taħt is-setgħa tal-qorti".*

*27. Il-konvenuti jgħidu illi "l-bank approprja ruħu minn flus tal-kumpannija" bla ma jfissru kif seħħet din l-approprjazzjoni indebita. Jista' jkun li riedu jgħidu illi l-bank qabad u bigħ proprjeta tagħhom mogħtija b'rahan u żamm il-flus, iżda mix-xiehda ma ħariġx li ngħata xi rahan: ingħatat il-garanzija tal-garanti u ipoteki speċjali u ġenerali, iżda ma ssemmiex li ngħata rahan. Jista' jkun ukoll li jqisu bħal "flus ta-lkumpannija" l-bilanċ tal-faċilità bankarja li ma laħqux ġibdu qabel ma lbank waqqafha, iżda dak il-bilanċ la jitqies rahan u lanqas ma jitqies flus tal-kumpannija.*

*28. F'kull każ, l-argumenti ma jissejsux fuq il-"jista' jkun" iżda fuq fatti speċifiċi li joħorġu mix-xiehda, u l-konvenuti ma wrew ebda fatt bħal dak li fuqu hu msejjes l-aggravju. F'dawn iċ-ċirkostanzi l-aggravju ma jistax jitqies wieħed serju u huwa għalhekk miċħud.*

*29. Il-qorti għalhekk tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Billi wkoll jidher ċar illi l-appell huwa wieħed fieragħ, maħsub biss biex itawwal iż-żmien għall-esekuzzjoni tas-sentenza – fil-fatt sakemm inqata' dan l-appell għaddew aktar minn ħames snin – il-qorti wara li rat l-art. 223(4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili tikkundanna lill-konvenuti flimkien in solidum iħallsu l-ispejjeż għal darbtejn.'*

Illi fl-atti odjerni l-Qorti rat li fl-istadju tal-provi taghhom ir-rikorrenti ghamlu tentattiv wara iehor sabiex dawk il-provi fil-mertu, li huma jsostnu li ma thallewx iressqu fil-kawza koncernata, jitressqu quddiem din il-Qorti nonostante d-diversi cahdiet ta' din il-Qorti u l-opposizzjonijiet legalment gusti tal-kontro-partijiet. Effettivament finalment din il-Qorti awtorizzat li jitilghu jixhdu

rapprezentanti tal-Bank kjamat fil-kawza kif mitlub mir-rikorrenti u rat li minn din ix-xhieda ma hareg xejn ghajr li tul is-snin irrizulta li s-socjetajiet rikorrent ma kienux f'posizzjoni li jhallsu d-dejn dovut lill-Bank u li ghalhekk ittiehdet id-decizjoni mill-bank, kif kellu kull jedd li jaghmel, li jitwaqqfu l-facilitajiet ta' 'over-draft' u 'loans' li kienu nghataw lir-rikorrenti u jigi rikjamat id-dejn dovut mir-rikorrenti lill-istess Bank.

Illi minn naha l-ohra l-Qori rat mill-atti odjerni kif ukoll dawk allegati li r-rikorrenti mkien u qatt ma cahdu li l-ammont pretiz mill-Bank kjamat fil-kawza mhux dovut. Ir-rikorrenti baqghu dejjem isostnu li huma ma nghatawx bizzejjed opportunita' li jhallsu lura billi jithallew joperaw mill-flus tal-istess Bank u li f'kazijiet ohra l-Bank flok fittex li jithallas iddikjara d-dejn bhala 'bad-debt'.

Illi din il-Qorti rat li effettivament il-provi li riedu jressqu r-rikorrenti quddiem l-ewwel Qorti verament ma kienu rilevanti xejn ghall-kaz stante li bid-dikjarar dawn kienu neccessarji skont ir-rikorrenti sabiex suppost jigi evidenzjat li kien hemm kazijiet ohra ta' terzi li l-Bank iddikjara bhala 'bad-debt'. Din il-Qorti bl-ebda mod ma tista' tifhem x'rilevanza jista' jaghmel dan il-fattur fil-kaz odjern stante wkoll, kif inghad mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, li jirrizulta li l-kumpaniji rikorrenti kellhom assi minn fejn jithallas l-ammont dovut. Fuq kollox ir-relazzjoni kuntrattwali kienet bejn ir-rikorrenti ul-Bank kjamat u huwa dak li kellha tistharreg il-Qorti fil-kawza fil-mertu.

Illi la darba jirrizulta li l-provi li riedu jressqu r-rikorrenti odjerni fl-atti annessi kienu verament irrilevanti u stante li ghalhekk il-Qrati l-ohra kienu aktar milli korretti li rrifjutaw li jinstemghu tali provi, l-Qorti ser tghaddi sbaiex tichad dan l-ilment

kostituzzjonali f'dawk il-partijiet kollha li jirrigwardja l-allegat ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq ghar-raguni li r-rikorrent ma thallewx iressqu tali provi.

Illi dwar il-kwistjoni tal-kawtela, l-Qorti rat li fl-atti annessi l-Bank llum kjamat fil-kawza ma ntavola l-ebda appell ghalhekk taqbel mar-risposta tal-intimati li dan l-artikolu lir-rikorrenti odjerni ma seta' bl-ebda mod igibilhom xi pregudizzju. Lanqas jirrizulta mill-atti tal-appell li s-socjetajiet rikorrenti odjerni b'xi mod gew pregudikati bl-imposizzjoni tal-kawtela fuq l-appell taghhom stante li jidher li din thallset minghajr ebda problema b'dana li l-appell seta jibqa' miexi. Din il-Qorti ghalhekk tqis li ghal dan l-ilment, is-socjetajiet rikorrenti ma ghandhomx interess guridiku li jqajjmu l-istess u ser tghaddi biex tichad ukoll din il-parti tar-rikors kostituzzjonali u t-talbiet relatati mieghu.

**Konkluzjoni:**

Illi mis-smiegh u qari tal-atti odjerni kif ukoll minn analizi tal-atti kollha annessi, din il-Qorti rat li hareg evidenti li r-rikorrenti odjerni uzaw il-proceduri odjerni mhux verament ghaliex kien hemm xi xamma ta' ksur tad-dritt taghhom ghal smiegh xieraq izda sabiex jippruvaw fl-atti jressqu dawk il-provi li l-Qrati l-ohra gustament ma hallewhomx iressqu ghaliex qisuhom bhala irrelevanti ghall-mertu tal-kaz. Huwa car ghal din il-Qorti li l-proceduri odjerni kienu ntizi biss mir-rikorrenti bhala **appell fuq appell** u **sabiex itawlu ulterjorment** il-proceduri ta' hlas lura tad-dejn dovut minnhom lill-Bank kjamat fil-kawza. Il-Qorti ghalhekk tqis li r-rikors odjern huwa frivolu u vessatorju u ser tghaddi sabiex tiddikjarah bhala tali.

**Decizjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha suesposti il-Qorti tgħaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi r-rikors kostituzzjonali odjern billi tilqa' r-risposta tal-intimat u tal-kjamat fil-kawża sakemm dawn huma kompatibbli ma' dak hawn deċiż, tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti stante li mhux ġustifikati u finalment tiddikjara dan ir-rikors bħala wieħed frivolu u vessatorju.

Bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imħallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**27 ta' Ġunju 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**27 ta' Ġunju 2024**